Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10619 – SNAM / ENI / JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 351/07)

1. Fit-8 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Snam S.p.A. ("SNAM", l-Italja),

— ENI S.p.A. ("ENI", l-Italja),

— JV (l-Italja)

SNAM u ENI se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' JV (joint venture).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SNAM hija kumpanija azzjonista tas-SNAM Group, li huwa proprjetarju tal-operatur ta' sistema prinċipali ta' trażmissjoni tal-gass fl-Italja, u għandha diversi nishma f'kumpaniji attivi fit-trażmissjoni tal-gass u fis-swieq tal-ħażna f'diversi pajjiżi,

— ENI hija parti mill-grupp ENI li storikament kien attiv mad-dinja kollha fil-katina sħiħa tal-valur taż-żejt u l-gass.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV se jkunu t-tħaddim, u l-provvista ta' servizzi anċillari lis-sezzjoni Tuneżina u s-sezzjoni taħt il-baħar tal-pipeline għall-importazzjoni tal-gass fir-rotta bejn l-Alġerija u l-Italja (il-pipeline transmediterranju).

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10619 – SNAM / ENI / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").